FIL-QORTI CIVILI
(SEZZJONI TAL-FAMILJA)

L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA

**Seduta ta' nhar il-Hamis 16 ta' Mejju 2024**

**Rikors Guramentat nru : 217/2023 AGV**

**HW**

**Vs**

**Dr. Mark A. Mifsud Cutajar u PL Nicholette Aquilina bhala kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lil assenti minn dawn il-Gzejjer FW**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-Rikors Guramentat ta'  HW  datat 19  ta' Settembru 2023;**

**Tesponi bir-rispett u bil-gurament taghha tikkonferma li s-segwenti tafhom personalment:**

1. Illi l-partijiet izzewgu f'Malta fit-28 ta' Settembru 2001 u minn dan iz-zwieg kellhom tlett ulied  FF twieldet nhar il-5 ta' Marzu 2002, ghandha 21 sena u ghadha qed tistudja, F FQ   twieled nhar is-27 ta' Frar 2001, ghandu 22 sena u ghandu impjieg u F F W  twield nhar l-24 ta' April 2009 ghandu erbatax il-sena u ghadu qed jistudja.

2. Illi l-hajja mizzewga bejn il-kontendenti saret impossibli minhabba adulterju, abbandun, sevizzi, eccessi, minacci u ngurji gravi kommessi mill-konvenut kontra l-esponenti u/jew minhabba li l-hajja mizzewga bejn il-kontendenti tkissret irrimedjabbilment;

3. Illi ma hemmx lok ghar-rikonciljazzjoni u l-esponent giet debitament awtorizzata biex tipprocedi b'din il-kawza;

4. Illi ghalhekk qed issir din il-kawza;

5. Il-fatti hawn dikjarati tafhom ir-rikorrenti personalment;

**Ghaldaqstant in vista tal-premessi, ir-rikorrenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:**

1. Tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi Wakiel ghar-ragunijiet premessi imputabili lill-konvenut t'abbandun, adulterju, sevizzi, eccessi, minacci u ngurji gravi kontra l-esponenti u/jew minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabilment;

2. Tafdalha l-kura u l-kustodja tal-minuri u tiehu dawk il-provedimenti kollha opportuni dwar access ghall-ahjar interess tal-minuri;

3. Tiffissa retta alimentarja ghaliha u ghal uliedha msemmija u tordna lil konvenut ihallasha dik ir-retta hekk stabbilita ghaliha u ghal uliedha skont il-Ligi kif ukoll tordna li l-istess manteniment jizdied annwalment sabiex iz-zieda taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja. Tordna illi dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh tal-konvenut mill-impjieg jew xoghol jew kwalunkwe beneficcju li qed jippercepixxi u jigu ddepozitati f'kont indikat mir-rikorrenti;

4. Tordna sabiex il-konvenut ihallas l-ispejjez kollha relatati mas-sahha, edukazzjoni u 'extra-curriculum activities' tal-istess ulied.

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formati parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet illi jigu assenjati, wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut, liema porzjonijiet ghandhom jigu komposti billi tigi stabbilita data bhala d-data meta l-konvenut jigi kkunsidrat li jkun hati tal-firda b'tali mod li l-konvenut jitlef kull jedd ghal kull akkwist maghmul bil-hila tal-attrici skond il-Ligi u dan okkorrendo b'opera ta' perit

nominandi sabiex jillikwida l-istess komunjoni, u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess;

6. Tapplika kontra zewgha interament jew in parti d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 u Artikolu 51 sa 55 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

7. Tordna lill-konvenut sabiex ihallas u jikkonsenja lill-attrici skont il-kaz il-krediti u l-propjeta' parafernali;

8. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirregistra fir-Registru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti;

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-proceduri kollha inkorsi quddiem din il-Qorti waqt il-medjazzjoni kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.**

**Rat ir-risposta tal-Kuraturi Deputati Dr. Mark Mifsud Cutajar u PL Nicholette Aquilina datata 18 ta' Ottubru 2023;**

Illi ghalkemm il-kuratur qed jiddikjara li mhux konxju mill- fatti kollha tal-kaz, it-talba qed tigi opposta bhala infondata fil-fatt u fid-dirtt u dan b' risverva ghal eccezzjoni ulterjuri ghal kull buon fini.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu umilment li t-talbiet jigu respinti bl-ispejjez.

Salv kwalunkwe provvediment opportuni u necessarji.

Rat id-dokumenti.

Semghet il-provi.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi l-partijiet kienu zzewgu fl-2001 gewwa Malta, u ilhom jghixu hawn sa minn dak iz-zmien. Huma ghandhom tlitt itfal; it-tifel il-kbir, F , huwa maggorenni u ghandu impieg full time, it-tifla Ff hija wkoll maggorenni izda ghadha qed tistudja full time, u t-tifel F F W ghadu minorenni. L-attrici m'ghandhiex impieg minhabba f'kundizzjoni medika, u tircievi beneficcji socjali mid-Dipartiment ta' Sigurta' Socjali. Il-kera li thallas fuq ir-residenza taghha hija sussidjata mill-gvern. Tenut kont ta' dan kollu, l-attrici tghid li biex tghix hi u t-tlitt itfal jifdal biss madwar €440 fix-xahar, u kultant titlob lit-tifel il-kbir biex jghinha fl-ispejjez tal-hajja. Tghid li ghandha diversi hlasijiet ta' kontijiet b'lura.

L-attrici ma tghid xejn dwar il-hajja mizzewga mal-konvenut. Tghid biss li l-ahhar li ratu kien fit-2 ta' Marzu 2018, fejn huwa siefer u ma giex lura. Tilfet kull kuntatt minn mieghu sa minn dak iz-zmien, u llum ma tafx fejn jinsab.

Mill-provi prodotti ma jirrisulta ebda adulterju, sevizzi, minacci jew ingurji gravi kommessi mill-konvenut. Jirrisulta bhala fatt mhux kontradett l-abbandun da parti tieghu. Ma gew prodotti ebda provi dwar id-dhul jew l-impieg tal-konvenut.

Jirrisulta li hu kien self employed bejn l-2009 u l-2011. Ma jidher ebda impieg iehor tieghu skond id-dokument esebit minn Jobs Plus. Mill-kontijiet bankarji tieghu jidhru diversi depositi fi flus kontanti li kienu saru bejn Awwissu 2013 u April 2014, ammontanti ghal madwar €15,000, u zewg depositi sostanzjali f' Marzu u April tal-istess sena ammontanti ghal €60,000. Dawn intefqu kollha sa ftit aktar minn sena wara. Ma hemm l-ebda rendikont ta' dan id-dhul u nfiq fi zmien daqshekk qasir. L-attrici tghid li bejniethom ma hemm ebda assi.

Ghalhekk, minn dawn il-provi jirrisulta s-segwenti. Il-konvenut telaq minn Malta f' Marzu 2018 u ma rritornax lura minn dik id-data, ghaldaqstant qed jigi dikjarat li l-istess konvenut abbanduna lill-attrici u lill-familja, u qed tigi attribwita lilu l-htija ghall-firda tal-partijiet.

Il-partijiet kienu jirrisjedu fi proprjeta' b'titolu ta' kera issussidjata mill-gvern, liema titolu ghandu jigi assenjat lill-attrici, li qeghdha tigi awtorizzata tirrisjedi f'din il-proprjeta' flimkien mat-tlitt uliedha. Ma giet prodotta ebda prova ohra f'dan ir-rigward, hlief dak li ntqal fl-affidavit tal-attrici.

Il-kura w kustodja tal-minuri ghandha tigi fdata lill-attrici, stante li ma hemm ebda kuntatt mal-missier. Il-Qorti anzi hi tal-fehma li l-attrici ghandha tinghata s-setgha shiha ta' genitur ad eskluzjoni tal-konvenut, u ghalhekk qed tigi awtorizzata tiffirma wehidha ghal kull applikazzjoni ghall-minuri, kemm ghall-passaport tieghu kif ukoll ghal kull dokument mehtieg ghall-edukazzjoni tieghu u ghall-bzonnijiet kollha tas-sahha tal-istess minuri, minghajr il-htiega ta' kunsens jew firma tal-konvenut.

Kwantu ghall-fini ta' manteniment, l-unika prova li tista' timxi fuqha l-Qorti hi dik dwar id-dhul tal-attrici, totalment dipendenti fuq is-servizzi socjali u l-karita' ta' terzi, u l-kontijiet bankarji tal-konvenut. Il-Qorti hi tal-fehma li l-manteniment

minimum pagabbli mill-konvenut ghandu jkun ta' €250 fix-xahar ghall-attrici, u s-somma ta' €200 kull wiehed ghall-wild Faten u ghall-minuri F, oltre nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni. Dan il-manteniment ghandu joghla kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja, u ghandu jibqa' hekk jithallas sa ma z-zewg ulied jaghlqu l-eta' ta' 23 sena, jekk jibqghu jistudjaw full time u ma jkollhomx impieg full time.

Kwantu ghall-komunjoni, din ghandha tigi itterminata mas-sentenza. Il-partijiet m'ghandhom ebda proprjeta' bejniethom. Ma hemmx vetturi registrati fuq isimhom, u l-kontijiet bankarji ghandhom jinqasmu billi kull parti zzomm il-kont irregistrat f'isimha. Ma rrisultax mill-provi kif kienu gew utilizzati l-fondi li gew depositati fil-kontijiet bankarji tal-konvenut. Peress illi ma gewx prodotti provi f'dan ir-rigward, il-Qorti ma tistax tasal biex tghid li jezisti xi kreditu favur l-attrici. Stante illi l-htija tal-firda qed tigi attribwita lill-konvenut minn Marzu 2018 minhabba abbandun, ser jigu applikati d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 u 51 sa 55 tal-Kap 16 fil-konfront tieghu.

**DECIDE:**

GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI:
TILQA' T-TALBIET ATTRICI.

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi W ghar-ragunijiet premessi imputabili lill-konvenut ta' abbandun kontra l-attrici.

2. Tafdalha l-kura u l-kustodja tal-minuri, u taghtiha s-setgha shiha ta' genitur, ad eskluzjoni tal-konvenut, u ghalhekk tawtorizza lill-istess attrici

tapplika wehidha ghall-passaport tal-minuri u ghal kull dokument mahsub ghas-sahha u ghall-edukazzjoni tal-istess minuri, minghajr il-htiega ta' firma jew kunsens mod iehor tal-konvenut.

3. Tiffissa retta alimentarja ghall-attrici fis-somma ta' €250 fix-xahar, u ghal uliedha msemmija fis-somma ta' €400 fix-xahar, u tordna lil konvenut ihallas din ir-retta hekk stabbilita ghaliha u ghal uliedha skont il-Ligi.

   Tordna li l-istess manteniment jizdied annwalment sabiex iz-zieda taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja. Tordna illi dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh tal-konvenut mill-impjieg jew xoghol jew kwalunkwe beneficcju li qed jippercepixxi u jigu ddepozitati f'kont indikat mill-attrici.

4. Tordna sabiex il-konvenut jhallas nofs l-ispejjez relatati mas-sahha, edukazzjoni u 'extra-curriculum activities' tal-istess ulied.

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formati parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet illi jigu assenjati, wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut, skond kif deciz f'din is-sentenza.

6. Tapplika kontra l-konvenut interament id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 u Artikolu 51 sa 55 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

7. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-seba' talba, stante li ma gew prodotti ebda provi dwar krediti u propjeta' parafernali;

8. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirregistra fir-Registru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti;

Peress illi l-attrici hija assistita mill-avukat tal-ghinuna legali, u l-konvenut huwa rappresentat minn kuraturi deputati, l-ispejjez jibqghu bla taxxa.

IMHALLEF

CETTINA GAUCI- DEP REG